MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 15/2006

**Aquatress Marketing Limited**

**vs**

**Lizio Delia**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' jannar 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170) liema ammont huwa dovut bhala prezz ta' merkanzija mibugha u konsenjata lill-konvenut, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif indikati f'l-Avviz.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikata b’l-avviz fit-12 ta’ Jannar 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u sebghin lira Maltija (Lm170) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------